**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 20 ta' Gunju, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 679/2016 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 25 ta' Gunju 2009, in atti tan-Nutar John Spiteri (Dok. "A"), is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder fis-somma ta' tlett mija u sitta u disghin elf, mija u tmienja u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€396,138.73) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder mal-Bank of Valletta

p.l.c. (Dok. "B", "C1 sa C3" u "D1 sa D4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Gunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok. "A"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder gew interpellati permezz ta' ittra ufficjali datata 7 ta' April 2015, li kopja taghha qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "E" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huma baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt fuq imsemmi (u hawn esibit bhala Dok. "A") partikolarment imma mhux esklussivament billi Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt sopraindikat, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici, u

2. Tikkundanna lil Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder ihallsu lis-socjetà attrici is-somma ta' tlett mija u sitta u disghin elf, mija u tmienja u tletin Ewro u tlieta u sebghin

centezmu (€396,138.73) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "B", "C1 sa C3" u "D1 sa D4") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 ta' Gunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Minghajr pregudizzju ghal somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Joseph Gouder lis-socjetà attrici li ghalihom is-socjetà attrici qed tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 7 ta' April 2015 kontra l-konvenuti li huwa ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder fejn esponew illi:

Preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrenti hija wahda intempestiva in kwantu ma jirrizultax li l-intimati tilfu l-beneficcju taz-zmien koncess lilhom fil-kuntratt tal-25 ta' Gunju 2009 in atti Dr. John Spiteri u ghalhekk sal-lum il-Bank rikorrenti certament li ma huwiex kreditur tal-intimati fis-somma minnu reklamata.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawzali tal-azzjoni tar-rikorrenti kif indikati fir-rikors promotur, partikolarment paragrafu 3 tal-istess huma generici ghal ahhar u ma jindikawx bi precizjoni x'inhu l-allegat ksur tal-obbligi kuntrattwali kommessi mill-intimati u ghaldaqstant l-intimati qed jigu pregudikati irrimedjabilment fid-difiza taghhom f'din il-kawza ghaliex ma huwa xejn car ghalxiex qed jirreferi il-bank rikorrenti fil-paragrafi "B" u "C" tal-imsemmi paragrafu 3.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-intimati ma kissrux l-obbligi assunti minnhom u wisq inqas kien hemm bidliet materjali li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità ta' hlas lura ta' dak li talvolta jista' jkun dovut lir-rikorrenti.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimati ma humiex debituri *in solidum* tal-bank u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti qatt ma setghu jigu mressqa kontra l-istess intimati daqs li kieku kienet tissusti is-solidarjetà bejn l-istess intimati.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li r-rapprezentanti tieghu huma minn issa ingunti in subizzjoni.

B'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-ligi.

Semghet xhieda viva voce.

Rat l-ammissjoni tal-intimati ghat-talbiet tal-Bank rikorrenti kif riprodotti fid-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel talba ta' Bank of Valletta plc kif dedotta; tilqa' t-tieni talba b'dana illi tikkundanna lill-intimati Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder ihallsu lil Bank of Valletta plc is-somma komplessiva ta' €379,106.47 (tlett mija u disgha u sebghin elf, mija u sitt Ewro u sebgha u erbghin centezmu) bl-imghax mill-24 ta' Mejju 2018 sad-data tal-effettiv pagament; bir-rizervi kif mitluba fir-rikors promotur u bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph Gouder u Maria Gloria Gouder.

IMHALLEF

DEP/REG